## Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

## Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 630/00 AJM

Kawza numru

Dolmen Complex Limited

Vs

Intramed Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' April 2000 lipermezz taghha s-socjeta' attrici warali ppremettiet li s-socjeta' konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont ta' disat elef tlett mija u wiehedu sittin lira maltin (LM9,361) rappresentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti fuq istruzzjonijiet tal-istess socjeta' kif jidhe rmill-prospett anness; illi s-socjeta' konvenut giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Gunju 1999, izda xorta bqghet inadempjenti; illi l-ammont huwa vert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta'l-artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kap 12) stante li fil-fehma tas-socjeta' attrici s-

socjeta'konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'taghti kontra t-talbiet attrici u l-istanti qed jannetti affidavit hawn immarkat Dok B a tenur ta'l-istess artikoli tal-Kap 12; talab li din il-Qorti:-

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta'Procedura Civili;
2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM9,361 rappresentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti mis-socjeta' attrici, kif preess

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Gunju 1999 u bl-imghax sal pagament effettivkontra s-socjeta' konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjon, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Mejju 2000 meta s-socjeta' konvenuta inghatat il-fakolta' li tikkontesta t-talbiet attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fil-11 ta' Mejju 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi preliminarjament:-
   a) Hija mhijiex il-legittimu kontradittur u m'ghandhiex ir-rappresentanza giuridika tas-socjeta' Russa "Seasons Travel Agency" li taghha hija biss il-"Handling agent gewwa Malta" u

bhala tali m'ghandha l-ebda fondi tal-istess socjeta' estera u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

b) Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2147B tal-Kodici Civili.

c) Mnkejja ghal fatt illi t-talbiet attrici huma bbazati kompletament fuq il-prospett anness mac-citazzjoni "u mmarkat bhala dok A" u r-rappresentant tal-istess socjeta' attrici ibbaza d-dikjarazzjoni tieghu fuq l-istess dok. A li fl-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni huwa ukoll indikat bhala anness, dan id-dokument ma jirrizultax mac-citazzjoni – li ghalhekk hija inkompleta u nulla.

1. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost:-

a) Anki kieku s-socjeta' konvenuta hija b'xi mod responsabbli biex twiegeb ghat-talbiet attrici, hija kienet issostitwit il-klienti li kellha tibghat is-socjeta' estera fuq imsemmija b'klienti ohra taghha u ghalhekk is-servizz tal-attrici ma kienx mitluf.

b) Illi f'dan ir-rigward l-istess socjeta' konvenuta dejjem hallset lis-socjeta' attrici ghal dawn is-servizzi u dana fl-ammont globali ta' tmient elef tmien mija u hames liri maltin u disa' u ghoxrin centezimu (LM8,805.29) u dana kif jirrizulta mill-anness dokument 'X' u ghalhekk jekk talvolta jista' jkun dovut xi bilanc lill-attrici dana huwa ta' hames mija u hamsa u hamsin lira maltija u wiehed u sebghin centezimu (LM555.71) f'liema kaz dina l-Qorti mhijiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz ukoll 'ratione valoris'.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut u d-dokument ezebit minnu.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u s-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2000 meta l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-sentenza odjerna hija limitata ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta li fir-rigward tat-talbiet attrici qeghdha ssostni li mhijiex il-legittimu kontradittur inkwantu hija kienet biss "Handling agent gewwa Malta" tas-socjeta' Russa "Seasons Travel Agency" ta' liema socjeta' hija ma ghandhiex ir-rappresentanza guridika.

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba ghall-hlas ta'somma rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizz ta'akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti mis-socjeta' attrici lil diversi turisti ta' nazzjonalita' russa fuq talba tas-socjeta' konvenuta. Il-kwistjoni kollha ghalhekk toqghod fuq jekk s-socjeta' konvenuta kkuntrattatax f'isimha jew f'isem xi socjeta'ohra kif qeghed jigi allegat.

Mid-dokumenti ezebiti, senjatament il-kuntratt tal-10 ta' Marzu 1998 Dok CM2 (fol 18) kif ukoll l-korrispondenza kollha ezebita jidher li kien hemm relazzjoni diretta bejn s-socjetajiet involuti f'din il-kawza. In fatti l-imsemi kuntratt sar bejn Intramed Travel Bureau (li skond ix-xhud Muscat huwa trade name tas-socjeta' konvenuta) u s-socjeta' attrici. F'dan il-kuntratt s-socjeta' konvenuta hija indikata b'mod specifiku bhala "THE TOUR OPERATOR" u bhala tali obligat ruhha bil-kondizzjonijiet tal-kuntratt fosthom il-beneficcju ta' Guranteed Rooms bil-prezzijiet indikati, il-beneficcju tal-"credit terms" stipulati. L-istess socjeta' fil-kuntratt imsemmi ggarantiet il-pagament tal-kontijiet relativi. Kien biss flahhar li s-socjeta' konvenuta giet indikata bhala "Local Handling agent" izda ghalkemm tissemma s-Seasons Travel Agency, li allegatament rappresentant taghha kien hawn Malta, din l-istess entita' bl-ebda mod ma tidher li hadet parti fil-kuntratt u lanqas iffirmatu. Jidher ukoll li l-korrispondenza kollha li giet skambjata bejn il-kontendenti sew qabel u sew wara li beda jiehu effett il-kuntratt fuq imsemmi, s-socjeta' Seasons Travel qatt ma tidher, hlief ghal darba fejn s-socjeta' konvenuta llamentat li din ma kienetx qedha timla l-"allocated rooms" it-trattativi kienu dejjem jsiru f'isem s-socjeta' konvenuta. Fl-ahharnett l-invoices mahruga mis-socjeta' attrici dejjem saru f'isem is-socjeta' konvenuta u daw, skond ma xhed l-istess Claude Muscat, gew onorati mill-istess socjeta'.

Ghar-ragunijet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara lis-socjeta' konvenuta bhala l-legittimu kuntradittur.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri